

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Lulju 2007

li temenda r-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tal-*halon* 2402 fil-Bulgarija

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3594)

(2007/540/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar sostanzi li jnaqqsu s-saff ta' l-ożonu<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(4)(iv) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni, matul ir-reviżjoni stipulata fl-Artikolu 4(4)(iv) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000, u wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri, waslet għal dawn l-iskoperti li ġejjin dwar l-użu tal-*halon* 2402.
- (2) Il-produzzjoni tal-*halon* 2402 fil-pajjiżi żviluppatti waqfet fl-1 ta' Jannar 1994 skond l-obbligi tal-Protokoll ta' Montreal dwar is-Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff ta' l-Ożonu. Minn dak iż-żmien, kwalunkwe *halon* 2402 li jkun meħtieġ, irid jinkiseb minn faċilitajiet ta' ħażniet speċjalizzati li kienu żammew l-*halon* wara li jkunu intużaw xi alternattivi minflok.
- (3) Il-*halon* 2402 għad għandu xi użi fil-Bulgarija għat-trażżin ta' nirien u splużjonijiet fil-vetturi ta' l-art, bastimenti navali u l-ajruplani militari. Ir-Rumanija rrapurtat li m'għandha l-ebda użu għall-*halon* 2402.
- (4) Il-bdil fit-tagħmir ta' kontra n-nar magħmul mill-*halon* b'aġenti alternattivi ta' protezzjoni kontra n-nirien għandu jqis id-disponibilità ta' alternattivi jew teknoloġiji li huma aċċettabbli mill-punt ta' l-ambjent u s-saħħa. L-attivitajiet ta' tiswija biex jitwaħħal tagħmir li ma jiddependix fuq il-*halon* għall-protezzjoni kontra n-nirien u l-isplużjonijiet fl-użi militari għandhom bżonn li jkunu skedati b'tali mod li jevitaw kompromessi inaċċettabbli fil-kapaċità difensiva ta' l-Istati Membri. Diversi drabi jkun hemm bżonn ta' konsiderazzjonijiet baġitarji speċjali u ta' perjodu ta' żmien biex issir il-bidla għal alternattiva, sabiex jadattaw aġenti alternattivi ta' protezzjoni li

jaħdmu bla periklu u effettivament. Bħalissa, għal tali użi, ma jeżistu l-ebda alternattivi li huma teknoloġikament jew ekonomikament possibbli.

- (5) L-Artikolu 4(4)(v) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 jirrikjedi li l-*halon* installat f'tagħmir li mhux elenkat bħala li għandu użu kruċjali fl-Anness VII, għandu jkun dikommissjonat qabel il-31 ta' Diċembru 2003, u li l-*halon* għandu jkun irkuprat skond l-Artikolu 16. Sabiex jikkwalifika għall-eżenzjoni ta' l-użu kritiku li tħalli l-użu kontinwu tal-*halon* 2402 fil-Bulgarija li daħlet fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007, l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 għandu jiġi emendat biex jippermetti lil dan l-aġent tat-tifi tan-nar jintuża għal użi speċifiċi.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 għandu għalhekk jiġi emendat.
- (7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

L-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 hu emendat kif jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Lulju 2007.

Għall-Kummissjoni

Stavros DIMAS

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 244, 29.9.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

## ANNEX

Fl-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000, qed jiġi miżjud dan li ġej:

“L-użu tal-*halon* 2402 fil-Bulgarija biss:

- fl-ajruplani għall-protezzjoni tal-kompartimenti ta' l-ekwipaġġ, għall-kisi ta' barra tal-magni, il-kompartimenti tat-tagħbija u l-kompartimenti niexfa, u għall-*inerting* tat-tankijiet tal-fjuwil,
  - f'vetturi u bastimenti militari għall-protezzjoni ta' spazji meħuda minn kompartimenti tal-persunal u tal-magni.”
-